**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Każ Nru 744/2015

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri**
**u Jason Francis Sultana)**

**kontra**

**JASMINE AZZOPARDI**
**(detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 116776(M))**

**OMISSIS**

*Illum, it-Tnax (12) ta' Frar tas-sena Elfejn u Ħamsa u Għoxrin (2025)*

**IL-QORTI,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Jasmine Azzopardi**, ġia *Jason John Azzopardi, ta' disgħa u tlettin (39) sena, iben Joseph u Mary Grace nee' Camilleri , imwieled ġewwa l-Pieta' nhar l-4 ta'*

*Frar 1976, residenti ġewwa Block B, Flat 1, Triq Marija Adolorata, Paola u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 116776(M), permezz ta' liema ġie akkużat talli nhar id-9 ta' Settembru 2015 bejn is-2.00 p.m. u s-2.30 p.m. u fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*

1. *Nhar id-9 ta' Settembru 2015, bejn is-2.00 p.m. u 2.30 p.m. waqt li kien qiegħed fuq il-karozza tal-linja bin-numru 367, li kienet għaddejja minn Triq ix-Xatt, Sliema bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe` serq ta' flus kontanti u oġġetti oħrajn li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-dannu ta' Jean Harris u John Leslie Willets;*

2. *U aktar talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 bejn l-9.45 a.m. u l-10.00 a.m. waqt li kien qiegħed fi Triq it-13 ta' Diċembru, Nadur, Għawdex, minn fuq il-vettura tal-għamla Toyota Dyna, bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni HAT 219, ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94), għad-dannu ta' Victor Attard, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;*

3. *U aktar talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 bejn il-11.15 a.m. u l-11.30 a.m. waqt li kien qiegħed fi Triq Kercem, Rabat, Għawdex, minn ġewwa l-istabbiliment 'Mizzi Hardware', ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin*

*ċenteżmu (€232.94), iżda mhux elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' George Mizzi, liema serq huwa aggravat bil-valur;*

4. *U aktar talli nhar il-11 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-11.30 a.m. waqt li kien qiegħed fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, minn ġewwa l-istabbiliment 'JA Vella Households' ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), għad-dannu ta' Claire Vella;*

5. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser Ordni ta' Probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella nhar il-11 ta' Ġunju 2015;*

6. *U aktar talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 u fil-ġimgħat ta' qabel, fil-Gżejjer Maltin xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, ndaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.*

7. *U aktar talli Jason Azzopardi waħdu wettaq reat fil-perjodu ta' sentenza sospiża mgħotija nhar is-16 t'April 2015*[1] *mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli.*

8. *U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma*

[1] Ara l-emenda fl-akkuża li saret fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2016. L-akkużi kif korretti ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament mill-uffiċjal prosekutur, Fol. 268 tal-proċess.

*jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2015, l-imputata, Jasmine Azzopardi talbet lil din il-Qorti sabiex, a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga[2].

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2016, il-ko-imputat, Natale Bonello kien irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu[3] u l-Qorti għaddiet sabiex tippronunzja s-sentenza fil-konfront tiegħu nhar il-15 ta' Frar 2016 wara li laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni għas-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront taż-żewġ imputati[4].

Rat li fl-istess udjenza tal-1 ta' Frar 2016, l-uffiċjal prosekutur iddikjara li s-sitt imputazzjoni (riċetazzjoni) hija alternattiva għall-imputazzjonijiet l-oħrajn[5].

Rat ir-Rinviju għall-Ġudizzju maħruġ mill-Avukat Ġenerali nhar l-1 ta' Marzu tas-sena 2017 permezz ta' liema ddikjara li mill-kompilazzjoni odjerna tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) f'dak maħsub:

- Fl-artikoli 41(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261 (c) (g) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 271(g) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 281(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] Fol. 86 tal-proċess.
[3] Fol. 252 tal-proċess.
[4] Fol. 253 tal-proċess.
[5] Fol. 252 tal-proċess.

- Fl-artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 286 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat li fil-mori tal-proċeduri odjerni, tressqet prova quddiem din il-Qorti permezz tax-xhieda tar-rapprezentant tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li turi li, l-imputata ormai jisimha Jasmine Azzopardi minflokk Jason John Azzopardi. In-numru tal-karta tal-identita' Maltija baqa' l-istess u ċioe' 116776(M). Fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2018 il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-isem tal-imputata u dan fis-sens li llum l-imputata hija Jasmine Azzopardi. In oltre, d-difiża tat il-kunsens tagħha sabiex il-kawża titkompla daqs li kieku tali korrezzjoni ma saritx u daqs li kieku l-kawża nbdiet fil-konfront ta' Jasmine Azzopardi[6]. Konsegwentament, f'din is-sentenza, minn issa 'l quddiem ser isir referenza għall-isem l-imputata kif inhu illum – Jasmine Azzopardi minflok Jason John Azzopardi (hekk kif kien l-isem fi żmien tal-allegati reati).

Illi a tenur tal-artikolu 370(3)(b) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qrat ir-rinviju għall-ġudizzju maħruġ mill-Avukat Ġenerali nhar l-1 ta' Marzu 2017 u l-imputata Jasmine Azzopardi ddikjarat li m'għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja[7];

[6] Fol. 324 tal-proċess
[7] Fol. 324 tal-proċess

Rat li fl-udjenza tat-8 t'Ottubru 2018 id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tgħaddi għad-Digriet dwar it-talba a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fid-dawl tax-xhieda ta' Dr. Moses Camilleri. Fl-istess udjenza l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq b'referenza għal din it-talba u li ma hijiex qed topponi għat-talba[8].

Rat li permezz ta' Digriet datat it-3 t'April 2019, din il-Qorti, laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputata quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[9].

Rat in-nota ppreżentata mill-Bord ta' Rijabilitazjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nhar l-4 ta' Jannar 2023 permezz ta' liema l-istess Bord informa lill-Qorti li l-imputata temmet il-pjan ta' kura b'suċċess;

Rat u semgħet ix-xhieda kollha prodotti u rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-qua imputata, l-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi:

[8] Fol. 324-325 tal-proċess
[9] Fol. 334 et seq tal-proċess.

- **Jean Harris** li spjegat bil-ġurament li hija għandha madwar tmenin sena u nhar id-9 ta' Settembru għall-ħabta tas-siegħa u nofs rikbet fuq karozza tal-linja minn San Ġiljan sabiex tmur tas-Sliema flimkien ma oħtha (Annette Willetts) u r-raġel tagħha (John Willetts). Tispjega li l-karozza tal-linja kienet mimlija. Tgħid li malli telgħat fuq tal-linja għall-bidu qagħdet bil-wieqfa fuq quddiem iżda imbagħad Natale Bonello għamilha sinjal sabiex tmur ħdejhom. Madanakollu meta marret hemm indunat li xorta ma kienx hemm post fejn toqgħod allura baqgħet bil-wieqfa u ma kelliex fejn iżomm. Quddiemha kien hemm oħtha bil-wieqfa ukoll. Ix-xhuda spjegat li hija kienet qed iġorr basket li ma jingħalaqx u li ġo fih kellha madwar Eur. 550 u Eur. 600. Ix-xhud tispjega li apparti Natale Bonello kien hemm ukoll il-qua imputata. Permezz ta' *sketch* li ġie mmarkat bħala Dok JH[10] hija pinġiet il-posizzjoni ta' kif kienu hi, oħtha, Natale Bonello u l-qua imputata. Tispjega li min-naħa tagħha ma ratx x'ġara bil-basket li kienet qed iġorr iżda wara qaltilha oħtha. Mistoqsija kif identifikaw lill-qua imputata u lil Bonello mal-pulizija, ix-xhud spjegat li hekk kif ġew il-pulizija, oħtha infurmat lill-pulizija min kienu. Fil-fatt ix-xhud tispjega li kienet oħtha li nfurmat lix-xufier tal-karozza tal-linja li kien hemm xi *pick-pocketers* fuq tal-linja u x-xufier kien bagħat għall-pulizija filwaqt li għalaq il-bibien tal-karozza tal-linja u ma ħalla lil ħadd jinżel minn fuq tal-linja sakemm ġew fuq il-post il-pulizija.

- **Annette Willetts** spjegat bil-ġurament li l-Erbgħa kienet ix-xita u għaldaqstant qabdu l-karozza tal-linja sabiex hi flimkien ma żewġha u oħtha jivvjaġġaw minn San Ġiljan għal tas-Sliema. Tispjega li hekk kif telgħu fuq tal-linja l-persuna identifikata bħala Natale Bonello beda jgħajtilhom 'lady lady come come'. Tgħid li hija marret fejn indikawlha u wara bdew jgħajjtu lil oħtha. Tispjega li oħtha ġiet għax ħasbet li kien

[10] Fol. 73 tal-atti proċesswali.

hemm post fejn tpoġġi bilqiegħda, iżda ma kienx hemm. Tispjega ukoll li oħtha spiċċat baqgħet bil-wieqfa u bdiet tipprova żżomm għax tal-linja kienet mimlija nies allura kien hemm ħafna imbuttar. Willetts tispjega li hija nnottat lil Bonello idaħħal idejh fil-basket t'oħtha. X'ħin rat dan hija ħadet il-basket t'oħtha mingħajr ma qaltilha xejn dwar dak li kien għadu kif ġara filwaqt li qaltilha biex tmur fuq quddiem tal-karozza tal-linja fejn kien hemm ir-raġel tagħha. Wara ftit li rawha sejra, bdew jgħajjtu 'Lady, lady, come back'.

Ix-xhud spjegat li hija nfurmat lix-xufier tal-linja li għadu kif kien hemm xi ħadd li pprova jisraqhom. Għaldaqstant ix-xufier għalqet il-bibien tal-karozza tal-linja, ma ħalliet lil ħadd jitlaq (salv persuna femminili) u ċemplet għall-pulizija. Spjegat li l-pulizija damu madwar għoxrin minuta sabiex ġew fuq il-post. Il-pulizija talbu lix-xhud tidentifika lill-persuna/persuni li rat jippruvaw jisirqu u hija għamlet dan. Ix-xhud, fl-awla tal-Qorti reġgħet għarfet lill-qua imputata kif ukoll lil Natale Bonello bħala l-persuna bin-nuċċali. Hija spjegat li t-tnejn li huma bdew jgħajjtulhom biex jersqu fejn kienu huma. Ix-xhud bħal oħtha pinġiet *sketch* tal-posizzjoni li kienu fiha, hi, oħtha, Bonello u l-qua imputata[11]. Mistoqsija jekk ratx ir-reazzjoni ta' Bonello u ta' Azzopardi meta hija ġibdet il-baskett t'oħtha, ix-xhud wieġbet li dak il-ħin ma ħarsitx lejhom għax kienet iżjed moħħha f'oħtha. In kontro-eżami hija kkonfermat li l-iktar persuna viċin oħtha kien l-akkużat bin-nuċċali, ċioe' Natale Bonello.

- **L-ispettur Bernard Charles Spiteri[12]** xehed bil-ġurament li fil-31 ta' Lulju tas-sena 2015 għall-ħabta ta' 12.15pm kien daħal rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ġewwa r-Rabat, Għawdex mingħand ċertu George Mizzi. Mizzi kien spjegalhom li huwa jieħu ħsieb ħanut bl-isem ta' *Mizzi*

[11] Dok. AW, fol. 85 tal-proċess.
[12] Fol. 88 tal-proċess.

*Hardware* li jinsab fi triq Kerċem, ir-Rabat, Għawdex u li għal ħabta tal-11.15am jew 11.30am kienu marru ġewwa l-ħanut tiegħu żewġ nisa' ta' madwar 35 sena li talbuh ibiegħilhom fan. Jispjega li dan il-ħanut kien jikkonsisti f'diversi kmamar. Hekk kif huwa mar iġib dan il-fan minn kamra separata minn fejn hemm il-*cash register*, waħda minn dawn iż-żewġ nisa' marret miegħu filwaqt li l-oħra baqgħet barra. Jispjega li hekk kif uriehom il-fan dan ma kienx għoġobhom u telqu 'l barra mill-ħanut. Hekk kif dawn iż-żewġ nisa' telqu 'l barra mill-ħanut daħal klijent ieħor li xtara xi oġġetti u hekk kif Mizzi fetaħ il-*cash register* huwa nduna li kellu xi karti tal-Eur. 50s u Eur. 20s nieqsa. Dan il-klijent kien spjega lil Mizzi li ż-żewġ nisa' li kienu għadhom kif ħarġu kienu rġiel libsin ta' nisa'. Mizzi rraporta mal-pulizija li kien insteraq madwar Eur. 400 fi flus kontanti. L-ispettur Spiteri spjega li, l-għada, nhar l-1 t'Awwissu 2015, huwa kien irċieva nformazzjoni mingħand l-ispettur Sultana li l-ġurnata ta' qabel u ċioe fil-31 ta' Lulju 2015, huwa kien ra lil Bonello u lil Azzopardi telgħin lejn Għawdex. L-ispettur Spiteri xehed li in segwietu għal din l-informazzjoni huwa kien ta' struzzjonijiet sabiex jiġu printjati ritratti ta' Azzopardi u Bonello bil-għan li jiġu murieha lil Mizzi. Mizzi hekk kif ra r-ritratti stqarr mal-pulizija li dawn kienu jixbhu liż-żewġ persuni li kienu daħlu fil-ħanut sabiex jixtru fan.

L-ispettur Spiteri jkompli jispjega li huwa kien infurmat li fil-31 ta' Lulju 2015 filgħodu kienet seħħet serqa oħra ġewwa n-Nadur, Għawdex mingħand ċertu Victor Attard li kien ibiegħ il-ħaxix. Attard stqarr mal-pulizija li huwa kien insteraq l-ammont ta' Eur. 180 fi flus kontanti. Spjega li huwa kien armat bit-trakk tiegħu jbiegħ il-ħaxix. Spjega li minn serqu mar jixtri l-ħaxix mingħandu, aljenawh u serqulu l-flus kontanti minn ġewwa l-*cash register* u telqu minn hemm. Attard spjega lill-pulizija li kien hemm persuna li qaltlu li kienet rat żewġ nisa' jalgħqu l-kexxun u jitilqu minn fuq il-post. Din il-persuna qaltlu ukoll li kellhom xi

flus f'idejhom. Klijenta oħra tiegħu infurmatu li waħda minnhom kellha *tatoo* fuq darha. Attard ikkonferma mal-pulizija li huwa lil dawn iż-żewġ nisa' kien rahom iżda ma rahomx jeħdulu l-flus. Attard kien ġie muri r-ritratti tal-imputata u ta' Bonello minn fuq is-sistema tal-PIRS tal-pulizija u huwa kien ikkonferma li dawn kienu n-nisa' li kien qed jagħmel referenza għalihom.

L-ispettur Spiteri spjega ukoll li l-pulizija kienu ġabru is-CCTV footages tal-Gozo Channel u li fuq il-vapur tat-8.15 ta' nhar il-31 ta' Lulju jidhru żewġ persuni li jixbhu ħafna lil Bonello u Azzopardi. Huwa kkonferma l-okkorenzi rigward iż-żewġ inċidenti li xehed dwarhom.

L-ispettur Spiteri reġgħa xehed fl-udjenza tat-23 ta' Novembru tas-sena 2015 fejn esebixxa żewġ sentenzi mgħotija fil-konfront ta' Jason John Azzopardi li ġew immarkat bħala Dok. BCS[13] u Dok. BCS1[14].

L-ispettur Spiteri xehed ukoll fl-1 ta' Diċembru 2015 fejn ippreżenta mobile tal-għamla Samsung li kien elevat minn fuq Natale Bonello[15] u mobile ieħor tal-għamla Samsung li kien elevat mingħand Jasmine Azzopardi[16]. Ġie esebiet ukoll il-*portmoney* elevat mingħand il-qua imputata Azzopardi[17] kif ukoll is-CCTV footage tal-31 ta' Lulju 2015 elevat mill-cafeteria tal-Gozo Channel in konnessjoni mal-vapur li telaq miċ-Ċirkewwa għal Għawdex fit-8.15a.m.[18];

- **WPS63 Janet Zammit[19]** xehdet li nhar id-9 ta' Settembru fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar kienet irċievet telefonata mill-*control room* tal-pulizija fejn intallbet l-assistenza tagħhom minħabba li żewġ persuni kienu miżmuma rigward suspett ta' *pick-pocketing*. Ix-xhud marret fuq il-post

[13] Fol. 159 tal-proċess.
[14] Fol. 161 tal-proċess.
[15] Dok. BSC2.
[16] Dok. BSC3.
[17] Dok. BSC4.
[18] Dok. BSC5.
[19] Fol. 96 tal-proċess.

flimkien ma PC912 u PC1084. Hemmhekk sabu lill-qua imputata u lil Natale Bonello miżmuma mill-RIU. Magħhom kien hemm ukoll żewġ persuni oħra ta' nazzjonalita' Ingliża – Annette Willets u Jean Harris. Wara li Zammit ħadet il-verzjonijiet ta' Harris u Willets, hija għamlet kuntatt mal-ispettur Jason Sultana u fuq struzzjonijiet tiegħu ħadu lil Azzopardi u lil Bonello l-għassa għall-iżjed investigazzjonijiet. Hija kkonfermat l-okkorenza mhejjija minnha u ppreżentata bħala Dok. JFS13[20].

- **PS599 Jason Spiteri**[21] xehed li huwa rċieva rapport mingħand George Mizzi nhar il-31 ta' Lulju għall-ħabta ta' 12.20p.m. Huwa ħa l-verzjoni ta' George Mizzi li spjega kif ġew żewġ nisa' saqsuh biex jara xi fan, ħalla waħedha ħdejn il-counter lil waħda minnhom sakemm mar juri lill-oħra l-fanijiet f'kamra oħra. Huma telqu mingħajr ma xtraw xejn u hekk kif ġie l-klijent ta' warajhom skopra li għandu karti tal-Eur 50 u tal-Eur. 20 neqsin fl-ammont totali ta' madwar Eur. 400. Huwa kkonferma l-okkorenza mhejjija minnu u ppreżentata bħala Dok. JFS14[22].

- **PC1058 Noel Mercieca[23]** jixhed li fl-1 t'Awwissu 2015 huwa kien ingħata struzzjonijiet mingħand l-ispettur Bernard Charles Spiteri sabiex imur jieħu l-verzjoni ta' ċertu Victor Attard, bejjiegħ tal-ħaxix u allegat vittma in konnessjoni ma serq ta' Eur. 180. Mercieca jikkonferma li huwa kien wera lil Attard żewġ ritratti li kienu ġew mgħoddija lilu mill-ispettur Spiteri. Hekk kif Attard intwera dawn ir-ritratti huwa kien ikkonferma li l-persuni li serquh kienu l-persuni fir-ritratti. Attard kien spjega lil Mercieca li kien hemm żewġ xhieda: Mary Debono u Adelina

[20] Fol. 42 tal-proċess.
[21] Fol. 99 tal-proċess
[22] Fol. 46 tal-proċess.
[23] Fol. 117 tal-proċess.

Buttigieg. Fir-rapport tiegħu huwa spjega li kien mar iġib xi ġobon mill-kabina u hekk kif mar lura xi klijenti oħra infurmawh li kienu serquh. Mercieca jgħid li huwa fl-ebda stadju ma kellem lix-xhieda msemmija minn Attard. Mercieca jikkonferma li skond Attard id-data tal-inċident kien il-31 ta' Lulju 2015. Huwa ikkonferma l-okkorenza mmakrata bħala Dok. JFS15[24]. Mercieca esebixxa ukoll ir-ritratti li ntwerew lil Attard bħala Dok. NM u Dok. NM1[25].

- **George Mizzi[26]** jispjega li huwa għandu *hardware store* bl-isem 'Mizzi Hardware'**.** Jikkonferma li huwa għamel rapport mal-pulizija l-għaliex fil-31 ta' Awwissu 2015 għall-ħabta tal-11.15am, waqt li kien ġewwa l-ħanut, daħlu żewġ persuni fejn waħda minnhom talbitu għal *duct tape*. Huwa newwlilha d-*duct tape* minn ħdejn il-*cash register*. Sussegwentament il-persuna l-oħra talbitu *attic fan*. Huwa kkonfermala li għandu u mar iġibu. Mizzi jispjega li l-ħanut tiegħu għandu *layout* ta' dar u mhux ta' garaxx. Waħda minn dawn il-persuni (u ċioe' dik li kienet talbitu d-duct tape) kienet marret miegħu sabiex iġibu l-fan. Hija bdiet tara l-fan hemmhekk bil-konsegwenza li Mizzi jispjega li huwa ma setgħax joħroġ u minn fejn kien ma setgħax jara l-ħanut kollu. Waqt li kienu hemm ġiet il-persuna l-oħra li saqsiet jekk il-fan kienx bl-*istand* jew le. Hekk kif huwa kkonferna li l-fan li kellu kien bl-*istand* hija weġbitu li huma rieduh mingħajr *stand* għal fuq id-desk. Għaldaqstant qallulu li ma jriduhx u ħarġu 'l barra. Warajhom daħal klijent ieħor u talbu jagħmillu ċavetta. Hekk kif mar itih il-bqija huwa nduna li kellu l-flus neqsin. Mistoqsi jekk jgħarafx lill-imputati, Mizzi għaraf lil Azzopardi bħala dik il-persuna li saqsietu għall-fan u li wara baqgħet barra sakemm il-persuna l-oħra marret tara l-fan. Huwa ma għarafx lill-

[24] Fol. 49 tal-proċess.
[25] Fol. 110 u 111 tal-proċess rispettivament.
[26] Fol. 127 tal-proċess.

imputat Bonello u stqarr li dik il-persuna li talbitu għad-*duct tape* ma kinitx fl-awla. Fuq mistoqsija tal-Qorti kemm għadda ħin minn meta telqu dawn iż-żewġ persuni mill-ħanut sakemm induna li għandu l-flus neqsin, Mizzi wieġeb li "*Mank żewġ minuti. Kemm għamilt ċavetta.*"[27] Jikkonferma ukoll li l-ammont ta' flus nieqes kien dak ta' Eur. 400. Jgħid li meta oriġinarjament mar jagħmel ir-rapport huwa ma ġiex muri ritratti mill-pulizija u li dak il-ħin huwa ddeskriviehom mal-pulizija bħala li kienu lebsin l-iswed u li ma jafx jekk kienux nisa jew irġiel.

- **Victor Attard** ikkonferma li huwa għandu ħanut u trakk tal-ħaxix. Jispjega li dakinhar tal-inċident huwa kien bit-trakk tal-ħaxix fi Triq it-Tlettax ta' Diċembru ġewwa n-Nadur u kellu żewġ nisa' qed jixtru mingħandu - Maria Debono u Delina Borg. Attard jispjega li l-ewwel qeda lil Maria Debono li kienet fejn id-dar tagħha. Sakemm kienet qed tħallsu Debono ġew il-qua imputati (Azzopardi u Bonello) sabiex jixtru mingħandu. Maria Debono ħallset u daħlet fir-residenza tagħha. Delina Borg saqsiet lil Attard għal-ġbejniet friski. Attard infurmaha li għandu u li jinsabu fil-*cooler* fil-kabina tal-van. Dak il-ħin ġiet it-tifla ta' Delina Borg li marret titkellem mal-istess Delina Borg. Dak il-ħin l-imputat nfurmawh li sejrin għax mgħaġġlin u talbuh id-direzzjoni għand tal-Maxokk. Attard qallhom li dan kien fejn għandu l-ħanut hu. Sussegwentament telqu minn fuq il-post. Delina rat x'kellha bżonn u x'ħin ġiet biex tħallsu tagħtu Eur. 50. Madanakollu x'ħin fetaħ il-kexxun biex itiha l-bqija qalha: "*... il-aħwa m'hawn xejn, ħaduhomli.*" Jispjega li għalkemm mar fuq quddiem tal-kabina jġib il-ġbejniet ma kienx hemm ħafna nies. Maria Debono kien daħlet, Delina marret biex tħallsu filwaqt li l-imputati kien qabdu u telqu. Sussegwentament, ħarġet Maria Debono mir-residenza tagħha u nfurmatu li kienu serquh għax rathom jagħlqu l-

[27] Fol. 132 tal-proċess.

kexxun bil-flus f'idhom u wara għattew il-flus bil-*portmoney*. Attard jispjega li b'kollox insterqulu Eur. 180. Attard għaraf lill-qua imputati bħala ż-żewġ persuni li marru jixtru u li wara telqu minn fuq il-post mingħajr ma xtraw xejn. Speċifikatament għaraf lil Natale Bonello bħala dik il-persuna li nfurmatu li ħa jitilqu għax mgħaġġlin.

- **Maria Debono**[28] fix-xhieda tagħha spjegat li hija ma tiftakarx eżattament meta ġara l-inċident madanakollu tiftakar li kollox ġara fejn ir-residenza tagħha ġewwa Triq it-tlettax ta' Diċembru ġewwa n-Nadur. Ix-xhud spjegat li dakinhar hija ħarġet bil-kelb u rat lill-imputat Natale Bonello jagħlaq il-kexxun tal-flus li kien fuq wara tat-trakk tal-ħaxix ta' Victor. Spjegat ukoll li huwa poġġa l-flus taħt il-*portmoney*. Ikkonfermat ukoll li dak il-ħin kien hemm Delina quddiem il-kabina. Debono spjegat li hija baqgħet dieħla d-dar mingħajr ma qalet xejn iżda nfurmat lil Victor wara li telqu iż-żewġ nisa' minn fuq il-post.

- **Claire Vella**[29], xehdet fit-23 ta' Novembru 2015 u spjegat li hija għandha ħanut JA Vella, ġewwa Strada San Paolo, ġewwa l-Belt Valletta. Ddikjarat ukoll li madwar tlett xhur qabel, għall-ħabta tal-għaxra jew l-għaxra u nofs ta' filgħodu kienu daħlu l- imputati (Bonello u Azzopardi) u talbuha jaraw kaxxa tal-ħobż li kienet fl-iktar xkaffa għolja li għandha ġewwa l-ħanut. Vella xehdet kif hija kienet spjegatilhom li jridu jżommulha s-sellum biex titla għaliha. Vella spjegat li hija u nieżla minn fuq is-sellum hija rat lil Bonello ħiereġ minn ħdejn il-cash. Mil-ewwel marret tiċċekja l-*cash* u sabet il-flus neqsin (madwar Eur. 60). Spjegat li billi huma kienu għadhom fil-ħanut ma setgħetx titkellem għax beżgħet. Għaldaqstant spjegat li ħalliethom joħorġu u imbagħad ċemplet mal-

[28] Fol. 142 tal-proċess.
[29] Fol. 164 tal-proċess.

ewwel lill-pulizija. Vella xehdet ukoll li wara ġiet infurmata mill-pulizija li arrestahom u li hija kienet marret l-għassa tal-Belt fejn tawha l-flus lura.

- **PC63 Francis Grima**[30] xehed li fl-1 t'Awwissu tas-sena 2015 għall-ħabta tad-9.30 kien ġie nfurmat mill-ispettur Charles Bernard Spiteri li l-ġurnata ta' qabel kien hemm hemm van tal-ħaxix li jarma ġewwa Triq it-Tlettax ta' Diċembru fin-Nadur li kien safa misruq. Grima jispjega li huwa identifika lil dan il-bejjiegħ bħala Victor Attard, detentur tal-karta tal-identita' 7870(G). Meta mitkellem minnu, Attard ikkonferma ma Grima li ġurnata ta' qabel huwa kien safa misruq minn żewġ persuni.
- **PC1084 Sven Sammut**[31] xehed li fid-9 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tas-2.30p.m. u 3.00p.m. kien mar ix-xatt ta' tas-Sliema flimkien ma' WPS63 u skorta lil Azzopardi u lil Bonello sal-għassa ta' tas-Sliema.

- **PS912 Gilmore Bugeja**[32] li xehed li fid-9 ta' Settembru 2015 wara is-2.30 p.m. mar ma' WPS63 u PC1084 ġewwa triq ix-Xatt ta' tas-Sliema fejn il-*bus stop*. Hemm hekk kien hemm l-imputata Azzopardi u Bonello li x-xhud identifika ukoll fl-Awla. Minn hemmhekk wasslu l-imputati ġewwa l-*lock up*.

- **PS549 Rueben Pace**[33] xehed b'referenza għal Dok. JFS12 fejn spjega li huwa kien aġġorna l-okkorenza fejn spjega li nhar il-11 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta ta' nofsinhar Claire Vella, sidt ħanut ġewwa St. Paul Street, Valletta, rrapurtat ġewwa l-Għassa tal-Belt li kien daħlu żewġ persuni li huma rġiel lebsin ta' nisa' li kien serqulha Eur. 60 fil-flus kontanti mill-

[30] Fol. 175 tal-proċess.
[31] Fol. 178 tal-proċess.
[32] Fol. 185 tal-proċess.
[33] Fol. 188 tal-proċess.

*cash register* u dan wara li talbuha ġġib oġġett minn xkaffa għolja bl-użu ta' sellum. Pace spjega li in segwietu għal dan ir-rapport xi uffiċjali tal-pulizija kienu lemħu lill-qua imputati (Azzopardi u Bonello) u ġabuhom l-għassa. Hekk kif wasslu l-għassa, skond Pace, "... Natale qabeż qalli jien naf fuq xiex ġbartuni, sibt Eur. 60 mal-art ġewwa ħanut, ħa nagħtihomlok. Għand Eur. 40 jien u qalli tajt Eur. 20 lil sieħbi... Jason." Dawn għaddewli lura l-flus u jien għaddejhom lil Vella li kienet insistiet miegħu li ma riditx titla l-Qorti għax tibża. Min-naħa tagħha Azzopardi kienet stqarret ma Pace li t-Eur.20 kien tahomla sieħba u li hi ma kinitx taf dak li għamel.

- **PC610 Mark Anthony Spiteri**[34] xehed li fil-11 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-11.30 a.m. huwa kien xogħol ġewwa l-għassa tal-Belt meta kien irċieva telefonata permezz ta' liema ġie nfurmat li kienu nsterqu xi flus mill-ħanut *JA Households'* ġewwa Triq San Pawl, il-Belt Valletta. Min għamel ir-rapport ta deskrizzjoni tal-persuni li serquha fejn kienet spjegat li kienu lebsin l-iswed u li kienu trasvestiti. In segwietu għal din l-informazzjoni huwa mar jagħmel ronda mat-toroq tal-Belt Valletta u waqt li kien għaddej minn ġewwa Triq Merkanti ħdejn iċ-*Charity Shop* li qiegħed wara Kastilja, lemaħ żewġ persuni li kienu jaqblu mad-deskrizzjoni mgħotija mid-derubata. Spiteri spjega li mar fuqhom talabhom il-karta tal-identita' u talabhom jakkumpanjawh sal-għassa tal-Belt fejn hemmhekk ħalla f'idejn PS549.

- **Spettur Jason Sultana**[35] xehed li fil-31 ta' Lulju tas-sena 2015 għall-ħabta tat-8.30am kien nieżel bil-vapur lejn iċ-Ċirkewwa. Hemm hekk huwa ra lil waħda mis-suspettati Natale Bonello li kienet qegħda tpejjep

[34] Fol. 196 tal-proċess.
[35] Fol. 217 tal-proċess.

fil-queuing area. Spjega li l-għada u ċioe' fl-1 t'Awwissu 2015, huwa kien għamel talba lis-*Service Providers* għal *localisations* tal-mobile tal-imputati fejn mill-informazzjoni provduta rriżulta li kemm Bonello kif ukoll Azzopardi nqabbdu m'antenna ġewwa Għawdex. Sussegwentament fid-9 ta' Settembru 2015 kien ġie infurmat li kien qed jinżammu żewġ persuni b'referenza għall-attentat ta' serq fuq karozza tal-linja tal-Arriva. Meta ġabu lis-suspettati fl-għassa rriżulta li dawn kienu Bonello u Azzopardi. Sultana jispjega li huwa kien ħa stqarrija liż-żewġ imputati u wara kien ressaqhom il-Qorti b'arrest fil-11 ta' Settembru 2015. Huwa għamel referenza għall-istqarrija tal-imputata Azzopardi kif ukoll id-dikjarazzjoni tagħha għar-rifjut tal-assistenza legali[36] qabel il-bidu tal-istqarrija u kkonferma l-firem tiegħu fuq l-istess dokumenti. L-ispettur Sultana ikkonferma ukoll li minn fuq l-imputati kien eleva żewġ mobile phones flimkien ma *wallet* ta' kulur roża li sussegwentament kienu ġew mgħoddija lill-ispettur Bernard Charles Spiteri.

- **Ignatius Attard[37],** IT executive fi ħdan il-Gozo Channel, li kkonferma is-CD esebiet a fol. 207 tal-atti proċesswali u spjega kif hu kien għaddieh lill-pulizija wara li rċevew talba għall-istess. Huwa għaraf il-*handwritting* tiegħu fuq l-*envelope* u kkonferma li kien propju hu li għamel id-download tal-istess filmat.

- **PC377 William Dalli[38]** li kkonferma l-istqarrija tal-qua imputata Jasmine Azzopardi a fol. 26 tal-proċess.

- **PC207 Thomas Pirotta[39]** li xehed dwar l-istqarrija ta' Natale Bonello esebita fl-atti proċesswali. <u>B'referenza għall-istqarrija ta' Natale Bonello,</u>

[36] Fol. 28 u 31 tal-proċess.
[37] Fol. 221 tal-proċess.
[38] Fol. 226 tal-proċess.

għal kull boun fini jiġi ddikjarat minn issa li din il-Qorti ser tiskarta dak li ngħad fl-istess stqarrija meta tiġi biex tanalizza r-reita' o meno tal-qua imputata Jasmine Azzopardi u dan fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali[40].

- **PC1297 Fredrick Borg**[41] xehed li fil-11 ta' Ġunju 2015 kien ċempillu PC640 Spiteri fejn tah deskrizzjoni ta' żewġ persuni (deskritta bħala trasvestiti) li setgħa kienu nvoluti f'serq minn ġewwa AJ Vella Households u talbu jwaqqafhom jekk jinnotahom x'imkien. Huwa dak il-ħin kien ġewwa Strada Rjali. Sussegwentament reġgħa ċempillu u nfurmah li kien sabhom fi Triq Merkanti u għaldaqstant Borg mar hemmhekk jassistieh sabiex jeħodhom l-għassa. Minn hemmhekk huma ħaduhom l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt u ħalluhom flimkien ma PS549 Rueben Pace. Meta wasal l-għassa sab hemmhekk lis-sidt tal-ħanut derubat li kkonfermat li sakemm telgħet fuq is-sellum biex iġib oġġett li kien għoġobhom serqulha Eur. 60 fi flus kontanti mill-*cash register*. Azzopardi u Bonello qalu li mhux vera serquhomlha iżda kienu sabuhom mal-art fl-istess ħanut. Ix-xhud spjega ukoll li jekk jiftakar tajjeb kien ingħad diskors li Natale kien ta Eur. 20 lil Jasmine Azzopardi.

- **Anthony Bonnici**[42], in rappreżentanza tal-GO plc, xehed bil-ġurament u ppreżenta *r-registration details* tal-*mobile numbers* 79203545 rreġġistrat fuq Jason Azzopardi u 79844766 irreġistrat fuq Carol Cutajar kif ukoll id-*data* li kien hemm fuqhom bħala telefonati għall-perjodu ta'bejn il-31 ta' Lulju 2015 bejn is-7 a.m. u 2.00 p.m. bħala Dok AB.

---

[39] Fol. 229 tal-proċess.
[40] Art. 661 tal-Kodiċi Kriminali: *Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.*
[41] Fol. 245 tal-proċess.
[42] Fol. 297 tal-proċess.

- **Amanda Grech**[43], in rappreżentanza tad-direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentat iċ-ċertifikat tat-twelid[44] tal-qua imputata fejn spjegat li ormai isimha għandu jaqra Jasmine Azzopardi minflok Jason John Azzopardi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi in linea preliminari u għal kull bon fini, din il-Qorti tissolleva *ex officio*[45] li fid-29 ta' Lulju 2016, wara li l-prosekuzzjoni emendat l-akkużi u l-akkużi hekk kif emendati reġgħu nqraw bil-ġurament mill-ġdid, mill-atti proċesswali ma jirriżultax li reġgħa ngħata d-digriet tal-Prima Facie. Għaldaqstant din il-Qorti ser tanalizza l-atti proċesswali odjerni fid-dawl tal-każistika tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali sabiex tindirizza l-kwistjoni tan-nullita' tal-atti proċesswali o meno u dan fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 597 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jibda billi jingħad li matul is-snin kien hemm diversi sentenzi li ndirizzaw l-kwistjoni tad-Digriet tal-Prima Facie fl-isfond ta' dak li jistipula l-artikolu 597 tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali jistipula:

> *"(4) L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, <u>ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tal-qari tal-akkużi jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża</u>, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova."* (emfażi ta' din il-Qorti)

[43] Fol. 319 tal-proċess.
[44] Dok. AG u AG1, fol. 322 u 323 tal-proċess.
[45] Ara f'dan is-sens is-sentenza <u>*Il-Pulizija vs Glenn Debattista et*</u> mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Lulju 2016 u is-sentenza fl-ismijiet <u>*Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et,*</u> mgħotija mill-Qorti Kriminali nhar it-13 ta' Lulju 2006.

Fis-sentenza mgħotija nhar it-23 ta' Jannar 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fl-ismijiet ir-*Repubblika ta' Malta vs. Noel Zarb,* wara appell intavolat mill-Avukat Ġenerali mid-deċiżjoni mgħotija mill-Qorti Kriminali (permezz ta' liema ġie annulat kap t'akkuża minħabba n-nuqqas ta' Digriet tal-Prima Facie wara li żdiedet akkuża fil-mori tal-Kumpilazzjoni), ngħad is-segwenti:

> *"29. Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sinjifikat ta' dan l-artikolu[46] huwa sempliċi. Fejn jirriżulta lill-Avukat Ġenerali xi reat ieħor li ma jkunx ġie akkużat bih l-imputat, l-Avukat Ġenerali jitlob lill-Qorti Istruttorja biex tipproċedi fuq dak ir-reat l-ieħor billi, jekk ikun reat "separat u ddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni" il-Qorti Istruttorja tibda kompilazzjoni ġdida fuq ir-reat l-ieħor, iżda fejn ir-reat l-ieħor ma jkunx hekk "separat u ddivrenzjat", il-Qorti Istruttorja "tissokta" bil-kompilazzjoni (fit-test Ingliż: "shall continue the inquiry"). Allura f'dawk il-każijiet fejn il-kompilazzjoni għandha "tissokta" bil-kompilazzjoni, ġaladarba jkun diġa` ngħata d-digriet talprima facie, mhemmx il-ħtieġa li jerġa' jingħata tali digriet b'referenza għar-reat miżjud.*
> *30. Irid jingħad illi meta jingħata d-digriet li permezz tiegħu l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, il-Qorti Istruttorja ma toqgħodx tispigola dwar liema reat/i tkun qed tagħti tali digriet. Fil-fatt, fost ir-reati li bihom persuna tiġi akkużata jista' jkun hemm anke reat jew aktar ta' natura kontravvenzjonali.*
> *31. Issa, fir-reat ta' stupru hemm kompriż u involut ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Għalhekk fil-każ in eżami ma kellhiex tinbeda kompilazzjoni ġdida a tenur tassubartikolu (3) ta' l-artikolu 435 iżda kellha tissokta l-istess kompilazzjoni a tenur tas-subartikolu (2). Ir-referenza li hemm fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 435 li jerġa' jibda mill-ġdid iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ppreżentat l-att tal-akkuża hi dik li hi, referenza għat-termini li tipprovdi l-liġi. Ma jingħadx (bħalma hemm fl-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali) li meta tingħalaq il-kompilazzjoni f'dan l-istadju, il-qorti trid tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża b'referenza għar-reat il-ġdid. Din il-fehma hi msaħħa b'dak li jipprovdi l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali:*
>
> > *"L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-*

[46] Hawnhekk qed issir referenza għall-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali.

*kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova" (sottolinear ta' din il-Qorti[47]).*

*Ma jistax jinghad illi fil-każ odjern hemm "in-nuqqas ghal kollox ... tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, peress illi din id-deċiżjoni kienet diga` ttieħdet fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju 2006.*

*32. Għalhekk, ġaladarba l-kompilazzjoni kellha biss "tissokta", ma kienx hemm il-ħtieġa lanqas illi jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diga` nstemgħu salv, naturalment, xhieda dwar ir-reat miżjud u xhieda oħra dwar ir-reati oriġinali li forsi kienu għadhom ma xehdux. Konsegwentement ma trid tiġi sfilzata l-ebda xhieda.*

*33. Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Noel Zarb iżda tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellant u in kwantu laqgħet parzjalment it-tielet eċċezzjoni ta' l-appellant u b'hekk tiċħad kemm l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellant kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tiegħu. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment filkonfront ta' l-akkużat Noel Zarb."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Illi n-nullita' tal-atti proċesswali u l-konsegwenzjali Att t'Akkuża minħabba n-nuqqas tad-Digriet tal-Prima Facie wara li l-akkużi reġgħu nqraw mill-ġdid ġiet analizzata ukoll fis-sentenza mgħotija mill-Qorti Kriminali nhar is-27 t'Ottubru 2023 fl-ismijiet *ir-Repubblika ta' Malta vs. Romeo Bone*. F'dan il-każ jidher li ma reġgħax ingħata d-Digriet tal-Prima Facie wara li l-proċeduri reġgħu bdew bħala konsegwenza għar-rinviju tal-ħamest'ijiem a tenur tal-artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali mibgħut mill-Avukat Ġenerali. F'din is-sentenza, l-Qorti Kriminali għamlet referenza għad-doveri tal-Qorti Struttorja meta jintbagħat rinviju f'dan is-sens mill-Avukat Ġenerali. In oltre ddikjarat is-segwenti:

*"Illi każ analogu li jitfa' dawl fuq dan il-kwezit legali dwar meta l-Qorti Istruttorja għandha tagħti id-deċiżjoni hekk imsejjaħ tal-prima facie, huwa dak fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Noel Zarb fejn hemmhekk kienet eċċepita in-nullita' ta'l-Att ta'l-Akkuża meta l-Qorti Istruttorja naqqset li tagħti deċiżjoni mill-ġdid dwar jekk kienx hemm biżżejjed provi biex l-imputat jitqiegħed taħt Att ta'l-Akkuża wara li fir-rinviju tiegħu l-Avukat Ġenerali kien talab li tiżdied imputazzjoni ġdida dwar ir-reat tal-istupru għaliex deherlu illi mill-provi li kienu qed jiġi kkumpilati huwa seta' jixli lill-imputat ukoll b'dan ir-reat. F'dan il-każ il-kumpilazzjoni dwar il-provi dwar dan ir-reat il-ġdid kien diġa seħħ, u l-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) għamlet distinzjoni bejn dan il-każ u dawk il-kawżi fejn ma tkunx saret il-kumpilazzjoni dwar xi reat, iżda l-Avukat Ġenerali iżid imputazzjoni ġdida fejn il-provi dwar l-istess ma jkunux għadhom ġew ikkumpilati. Qieset*

[47] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)

*ghalhekk illi kien jonoqs il-bżonn illi l-Qorti Istruttorja f'dan i-xenarju probatorju terġa' taħti id-digriet hekk imsejjaħ tal-prima facie fil-konfront ta' din l-imputazzjoni l-ġdida.*

...

*Issa fil-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti it-talba tal-Avukat Ġenerali kienet fis-sens illi l-atti jkunu issanati għaliex ma kienx osservat it-terminu li fih il-Qorti Istruttorja kellha tagħlaq il-kumpilazzjoni u tirrinvija l-atti lura lil Avukat Ġenerali, kif stipulat fl-artikolu 401(3A) tal-Kodiċi Kriminali. Illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jemerġi illi l-akkużat, allura imputat, wara li l-Qorti Istruttorja ottemperat ruħha ma' dan ir-rinviju ta'l-Avukat Ġenerali, mhux biss eżenta lil Qorti Istruttorja mis-smigħ tal-każ mill-ġdid, iżda eżenta wkoll lil Qorti mis-smigħ mill-ġdid tal-formalitajiet proċedurali kollha u allura kien evidenti illi ma kienx hemm lanqas kontestazzjoni dwar id-digriet tal-hekk imsejjaħ prima facie li kien diġa mogħti mill-Qorti Istruttorja fl-istadji inizjali tal-kumpilazzjoni fejn allura dik il-Qorti iddeċidiet illi kien hemm biżżejjed provi kkumpilati sabiex tinħareġ Att ta'l-Akkuża fil-konfront tiegħu.*

*Allura dan għandu jfisser illi, ġaldarba fl-istadju inizjali tal-kumpilazzjoni l-akkużat ma kkontestatx id-deċiżjoni prima facie u l-Qorti għaddiet biex tiddeċiedi illi kien hemm biżżejjed provi sabiex huwa jitqiegħed taħt Att ta'l-akkuża, żgur li kien jonqos il-ħtieġa li l-Qorti tieħu deċiżjoni mill-ġdid meta d-difett riskontrat mill-Avukat Ġenerali ma kien ser ibiddel xejn fl-imsemmija deċiżjoni li l-imputat, bl-eżenzjoni mogħtija, irrimetta ruħu għaliha. Għaldaqstant billi l-Qorti ma tista tirriskontra ebda difett, kif lamentat, fil-kumpilazzjoni, kwindi ma jista' jkun hemm ebda nullita' konsegwenzjali fl-Att ta'l-Akkuża u għalhekk din l-eċċezzjoni tal-akkużat qed tkun miċħuda."*
(Sottolinear ta' din il-Qorti)

Issa fil-każ odjern, il-Qorti tat id-digriet tal-prima facie fid-9 t'Ottubru 2015. Mill-verbal ta' dik l-udjenza ma hemm xejn li jindika li kien hemm kontestazzjoni mid-difiża dwar id-digriet tal-prima facie. Illi mbagħad fuq talba tal-Avukat Ġenerali permezz tar-rinviju tal-14 ta' Lulju 2016, il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tagħmel korrezzjoni fis-seba' imputazzjoni sabiex id-data tat-28 ta' Frar 2015 tiġi korretta għad-data tas-16 t'April 2015. Din it-talba kienet biss korrezzjoni fid-deskrizzjoni tal-fatti elenkati fis-seba' imputazzjoni u bl-ebda mod ma żiedet jew naqset xejn mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputata. In oltre, u iktar important minn hekk, wara li saret il-korrezzjoni u l-akkużi reġgħu ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament id-difiża ddikjarat li qed "*tezenta lill-prosekuzzjoni milli terġa' tressaq il-provi kollha*

*inkluż il-provi dokumentarji li tressqu f'din il-kawża sallum."*[48] In oltre mill-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Lulju 2016 għal darb'oħra ma jirrizultax li d-difiża kkontestat il-prima facie li fl-aħħar mill-aħħar kien ġia ngħata fuq l-istess imputazzjonijiet. B'hekk ma jistgħax jingħad li kien hemm "*in-nuqqas ghal kollox ... tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża*" imsemmi fl-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali, peress illi din id-deċiżjoni kienet diga` ttieħdet fuq l-istess imputazzjonijiet fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2015. Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi u fid-dawl ta' każistika hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ma tarax li jirriżultaw l-estremi tan-nullita' tal-atti u għaldaqstant ser tipprosegwi sabiex tanalizza r-reita' tal-imputata o meno fid-dawl tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi stabbilit dan, din il-Qorti, ser tgħaddi sabiex tanalizza r-reita' tal-imputata b'referenza għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha.

1. **Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputata qed tiġi akkużata talli nhar id-9 ta' Settembru 2015, bejn is-2.00 p.m. u 2.30 p.m. waqt li kienet qegħda fuq il-karozza tal-linja bin-numru 367, li kienet għaddejja minn Triq ix-Xatt, Sliema bil-ħsieb li tagħmel delitt u ċioe` serq ta' flus kontanti u oġġetti oħrajn li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), uriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħha u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-dannu ta' Jean Harris u John Leslie Willets.**

[48] Fol. 268 tal-proċess.

Illi l-prosekuzzjoni akkużat lill-imputata b'għemil li ġara f'data speċifika u f'ħin speċifiku u determinat mingħajr ma użat terminoloġija bħal ma' hija "għal ħabta ta", ċioe' fid-"*9 ta' Settembru 2015 bejn is-2.00 p.m. u is-2.30 p.m*". Min-naħa l-oħra x-xhieda tal-prosekuzzjoni, inkluż ix-xhud okkulari – Jean Harris – xehdet bil-ġurament quddiem din il-Qorti li l-aġir imputat lill-qua imputata seħħ għal ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar. Dan huwa ikkonfermat ukoll mill-okkorenza tal-pulizija rigward l-istess incident li ġiet ikkonfermata bil-ġurament minn WPS 63 Zammit. Fil-fatt f'paġna 4 ta' dan ir-rapport hemm iddikjarat: *"Reported today at Sliema police station, that there was an alleged theft on board Bus no12 at around 13.30hrs."* In oltre WPS 63 Zammit ddikjarat bil-ġurament li hija rċeviet telefonata permezz ta' liema ġiet mitluba l-assistenza fid-9 ta' Settembru fis-2.00 p.m., b'hekk isegwi li l-aġir allegat kien definittivament seħħ qabel is-2.00 p.m. u li fis-2.00 p.m. Azzopardi flimkien ma Bonello kienu diġa ġew imwaqqfa u detenuti mill-uffiċjali tar-Rapid Intervention Unit. Anke PS 912 Gilmore Bugeja jikkollabora dak li ngħad minn WPS 63 Zammit meta stqarr li huwa mar gewwa Triq ix-Xatt, Sliema flimkien ma' WPS 63 u PC 1084 fejn ra lil zewg pulizija tal-RIU flimkien ma' Bonello u Azzopardi wara s-2.30 p.m. B'hekk il-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni b'referenza għal din l-ewwel imputazzjoni ma jikkumbaċċax mal-ħin tal-allegat tentattiv ta' serqa skond id-deposizzjoni tal-vittma stess.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, ilfatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistgha jinghataw......"*

Illi fis-sentenza mgħotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet <u>*Pulizija vs John Mary Briffa*</u>, fejn l-

appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:

> *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab".* (emfazi ta' dina l-Qorti)"

Illi dan l-istess prinċipju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Warren Piscopo* u *Pulizija vs Rita Thuema*, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) mgħotija fl-ismijiet *il-Pulizija kontra Natale Bonello* (il-ko-akkużat f'din il-kawża ma Jasmine Azzopardi) nhar il-15 ta' Frar 2016, jirriżulta ċar li minkejja li l-imputat Bonello ammetta għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, l-Qorti ma aċċettatx l-ammissjoni b'referenza għall-ewwel imputazzjoni minħabba l-kunflitt bejn l-akkuża kif dedotta u l-provi mressqa.

> *"Minn dawn il-fatti jirrizulta allura illi l-ammissjoni tal-imputat hija kunfliggenti mal-provi l-ohrajn li hemm fl-atti, stante illi minn dawn tal-ahhar, jirrizulta illi huwa kkommetta r-reat lilu addebitat fl-ewwel imputazzjoni mhux fid-9 ta' Settembru 2015 bejn is-2.00 p.m. u s-2.30 p.m., izda f'xi hin qabel. Ghalhekk l-imputat ammetta ghal fatti li ma gewx kommessi minnu fil-hin indikat fl-imputazzjoni in kwistjoni, izda f'hin qabel. Illi dwar il-valur probatorju tal-ammissjoni maghmula mill-persuna imputata inghad hekk fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Martin Camilleri*** *tal-20 ta' Jannar 1995*[49]*:*
>
> > "*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza*

[49] Vol.LXXIX.v.1538.

*kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li **fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.*** (sottolinear tal-Qorti).

*Illi fil-kaz odjern ghalkemm ma jistax jinghad illi l-imputat ma fehemx in-natura tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu jew illi ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti ghal din l-imputazzjoni, biss jirrizulta mill-fatti esposti illi l-Qorti ma tistax issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni billi dawn ma sehhewx fil-hin indikat fl-istess imputazzjoni. ...*
*...*
*F'dan il-kaz, kien ikun xort'ohra li kieku l-imputazzjoni in kwistjoni giet redatta b'tali mod sabiex tirreferi ghall-hin tar-reat bil-kliem "ghall-habta ta'", izda minflok din tirreferi ghall-hin specifiku bejn is-2.00 p.m. u s-2.30 p.m. Huwa car ghalhekk illi minkejja l-ammissjoni tieghu, l-imputat ma jistax jinstab hati dwar din l-imputazzjoni billi din tirreferi ghall-hin differenti minn dak li fih sehhew il-fatti li wasslu ghall-istess imputazzjoni u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni."*

Jingħad li wara l-għoti ta' din is-sentenza appena ċitata, il-prosekuzzjoni ma kkorreġietx l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' Jasmine Azzopardi. Konsegwentament, fin-nuqqas ta' din il-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, dak li ngħad fil-konfront ta' Natale Bonello japplika daqstant għall-imputata Jasmine Azzopardi. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak hawn fuq premess din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillibera lill-qua imputata Jasmine Azzopardi minn din l-ewwel imputazzjoni.

2. **Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, Jasmine Azzopardi ġiet akkużata talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 bejn l-9.45 a.m. u l-10.00 a.m. waqt li kienet qegħda fi Triq Diċembru 13, Nadur, Għawdex, minn fuq il-vettura tal-għamla Toyota Dyna, bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni HAT 219, ikkommettiet serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċentezmu**

**(€232.94), għad-dannu ta' Victor Attard, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa.**

Illi waħda mill-prova prinċipali mressqa mill-prosekuzzjoni in konnessjoni ma din l-imputazzjoni hija l-identifikazzjoni tal-imputata Jasmine Azzopardi. Id-difiża qatt ma kkontestat l-identifikazzjoni tal-imputata madanakollu din il-Qorti xorta ser tindirizza l-istess kwistjoni tenut kont li hekk kif ingħad hija waħda mill-provi prinċipali fil-konfront tal-qua imputata.

Illi ormai huwa prinċipju ben stabbilit li l-identifikazzjoni tal-imputat (li jkun) għandha ssir b'kawtela kbira iktar u iktar meta bħal każ odjern din tkun prova kruċjali għall-ħtija o meno tal-imputat (li jkun). Is-sentenza ta' *Turnbull* (1977) QB 224 temfasizza l-importanza tal-attendibilita' ta' xhieda dwar l-identifikazzjoni.

> *"First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identification of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*
> ….
> *Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognize someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made."*

Dawn il-principji kawtelatorji isibu l-applikazzjoni tagħhom mhux biss meta każ ħa jiġi deċiż mill-ġurati iżda anke jekk ser jiġi deċiż minn ġudikant kif inhu fil-każ odjern.

Issa, l-identifikazzjoni ta' Azzopardi saret darbtejn minn Victor Attard. L-ewwel waħda saret mal-pulizija filwaqt li t-tieni waħda saret fl-awla tal-Qorti.

Fil-fatt l-Ispettur Bernard Spiteri, fix-xhieda tiegħu, jagħmel referenza għall-fatt li fl-iter tal-investigazzjonijiet Victor Attard kien ġie muri żewġ ritratti mis-sistema tal-PIRS tal-Pulizija – ritratt minnhom kien tal-qua imputata Jasmine Azzopardi filwaqt li ritratt ieħor kien ta' Natale Bonello. Dan ġie kkonfermat bil-ġurament ukoll minn PC1058 Noel Mercieca li fix-xhieda tiegħu spjega li meta mar jieħu l-verzjoni tal-imsemmi Victor Attard, huwa kien urieh żewġ ritratti, li ġew esebiti fl-atti proċesswali u mmarkati bħala Dok. NM u Dok. NM1[50]. Jispjega ukoll li Attard kien ikkonferma miegħu li dawn kienu ż-żewġ persuni li serquh għalkemm immedjatament kien stqarr li s-serqa *per se* huwa ma kienx raha għax kien qed iġib xi prodotti minn ġol-kabina. Dok. NM u Dok NM1 huma d-dettalji tal-qua imputata u ta' Bonello fejn kien hemm ukoll ir-ritratti tagħhom.

Illi sussegwentament Victor Attard ħa l-pedana tax-xhieda u fl-awla għaraf lill-imputati – Natale Bonello u Jasmine Azzopardi. Huwa jgħid li huma marru jixtru mingħandu flimkien ġewwa Triq it-Tlettax ta' Diċembru, in-Nadur, Għawdex. In oltre Attard kien identifikata lil Bonello bħala dik il-persuna li qabel telqu minn fuq il-post u qabel huwa ma nduna li nsteraq kienet qaltlu li kienu mgħaġġlin u li kien ser ikollhom jitilqu imma li kienu ser immorru wara fil-ħanut tiegħu.

Illi l-identifikazzjoni ta' persuna ma hijiex regolata wisq bil-liġi Maltija. L-artikolu 63 tal-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

[50] Fol. 110 u 111 tal-proċess.

*(1) Meta uffiċjal investigatur ikun jixtieq jagħmel xi parata tal-identità jew identifikazzjoni ta' oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett.*

*(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-għemil ta' parata tal-identità jew identifikazzjoni ta' oġġetti.*

Min-naħa l-oħra l-artikolu 648 tal-Kodiċi Kriminali jistipula:

*Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja.*

Kjarament il-pulizija ma osservatx id-dittami tal-artikolu 63 tal-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta meta in konnessjoni mas-serq sempliċiment urew lill-vittma ritratti tal-imputati. Jistgħa jagħti l-każ li l-pulizija aġixxiet b'dan il-mod għax is-suspettati kienu għadhom mhux arrestati. Madanakollu, jingħad ukoll li, ma jirriżultax li l-pulizija urew lil Attard *spread* ta' iżjed ritratti ta' diversi persuni (*photo line-up*) sabiex ikunu jistgħu jidddentifikaw lill-persuni responsabbli għas-serqa. F'dan ir-rigward irid neċessarjament jingħad li għalkemm huwa minnu li l-liġi Maltija ma tispeċifikax kif għandha ssir *identity parade* dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ma għandhiex teżerċita il-bon sens u l-prudenza sabiex tassigura li l-identifikazzjoni tas-suspettati, anke jekk ħa ssir permezz ta' ritratti, tkun waħda tenibbli, stante li din tista' tkun prova determinanti fil-proċeduri kriminali. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet <u>*il-Pulizija vs. Stephen Zammit*</u> deċiż fis-16 ta' Lulju 1998 ddikjarat is-segwenti:

*"...meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra l-Qorti, bħal per eżempju, fil-għassa tal-pulizija u li għalhekk tkun ippreċediet lidentifikazzjoni f'Qorti, il-liġi tagħna ma tgħid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza iddettati mill-buon sens li għandhom jiġu osservati speċjalment f'dawk li jissejjħu identification parades, dawn ir-regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll*

*tad-difiża bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bħala l-awtur ta' reat jew bħala l-persuna altrimenti nvoluta fih tkun attendibbli b'mod li l-ġudikant tal-fatt ikun jista' jserraħ moħħu li ma hemmx żball f'dik l-identifikazzjoni."*

Din il-Qorti hija ukoll sprovista mid-deskrizzjoni li ta Attard oriġinarjament lill-pulizija tal-persuni responsabbli għas-serqa b'tali mod li wassal lill-pulizija juruh dawk iż-żewġ ritratti partikolari. Ħadd mill-pulizija ma xehed dwar dan. Il-liġi Ingliża, fuq liema il-liġi proċedurali Maltija hija msejjsa, għandha regoli u liġijiet speċifiċi dwar l-identifikazzjoni tal-identita' tal-persuna responsabbli mir-reat. Dawn mhux kollha huma applikabbli għal Malta ġaladarba ma ġewx inkorporati fil-liġi Maltija. Madanakollu, hekk kif ingħad f'diversi sentenzi mgħotija mill-Qrati lokali[51], ċerta prinċipji bażiċi li jemerġu mil-liġi u każistika Ingliża kapaci jsibu l-applikabilita' tagħhom ukoll hawn Malta tenut kont li min ser jiġġudika mill-fatti irid ikun kawt qabel jistrieħ fuq identifikazzjoni t'identita' minn xhud. Blackstone, b'referenza għal-liġi Ngliża, jinsisti dwar l-importanza li jkun hemm rekord tal-ewwel deskrizzjoni tas-suspettat mgħotija minn xhud okkulari.

*"In all potential identification cases, Code D, para. 3.1, requires a record to be made of the description of the 'suspect' (meaning the person allegedly seen at the scene of the crime etc.) as first given by the witness. This must, where practicable, be disclosed to the 'suspect' or his solicitor before any identification procedures are undertaken. The procedure to be followed depends upon whether or not there is a 'known' suspect. References to a suspect being 'known' mean there is sufficient information known to the police to justify the arrest of a particular person for suspected involvement in the offence under investigation (Code D, para. 3.4)."*[52]

Il-liġi Maltija, hekk kif fuq ingħad ma teżiġiex li l-pulizija jieħdu notament tal-ewwel deskrizzjoni li ngħatat mill-vittma jew minn xhieda okkulari tas-suspettat madanakollu jkun għaqli u opportun li minn tal-

[51] Ir-Repubblika ta' Malta vs. Patrick Mangion, 20.6.2023
[52] Blackstone's Criminal Practise (2012), D1.88

inqas jixhdu dwarha fil-Qorti u jispjegaw kif ġew identifikati l-qua imputati specjalment jekk tali identifikazzjoni hija prova essenzjali, hekk kif inhi f'dan il-każ, u li a bażi tagħha, f'dan l-istess każ, il-pulizija waslet sabiex uriet lill-vittma ritratti taż-żewġ suspettati biss mingħajr ma osservat dak li jingħad fl-artikolu 63 tal-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant din il-Qorti ma hijiex ser tistrieħ fuq l-identifikazzjoni t'Azzopardi permezz tar-ritratti mis-sistema' tal-pulizija li xehdu dwarha l-uffiċjali tal-pulizija fil-proċeduri odjerni. Madanakollu, din ma kinitx l-unika prova t'identifikazzjoni f'din il-kawża, ġaladarba, hekk kif ingħad aktar qabel, Attard ħa l-pedana tax-xhieda fejn fl-awla tal-Qorti għaraf u identifika lill-qua imputata bħala l-persuna li flimkien ma' persuna oħra li identifika bħala Natale Bonello kienet marret tixtri mingħandu waqt li kien qed ibiegħ fi Triq it-Tlettax ta' Diċembru ġewwa Għawdex u immedjatament wara li telqu minn fuq il-post kien sab xi flus kontanti neqsin mill-kexxun fejn iżomm il-*cash*. Bl-istess mod il-prosekuzzjoni ipproduċiet bħala xhud lil Maria Debono li min-naħa tagħha, fl-awla tal-Qorti, għalkemm ma għarfitx lill-qua imputata għarfet lil Natale Bonello bħala l-persuna li hija rat jiftaħ il-kexxun tal-*cash* u wara jaħbi l-flus kontanti wara l-*wallet* tiegħu.

B'referenza għad-*dock identifications* magħmula minn Attard u Debono, jibda biex jingħad li fid-deċiżjoni ***Barnes v the Chief Constable of Durham***[53], il-Qorti tal-Appell Ingliża ikkonkludiet li jistgħa jkun hemm *dock identification* tenibli anke jekk il-pulizija ma tkunx għamlet *identity parade* fl-istadju tal-investigazzjonijiet.

In oltre, dwar *dock identifications*, Archbold jgħid is-segwenti:

[53] [1997] 2CrAppR 505

> *Dock identifications are not inadmissible but when considering whether to exercise its discretion to admit such evidence the court should consider whether there is a good reason why an identification procedure did not take place—there being procedures which can take place where the suspect is not willing to participate in a formal identification parade. Where such evidence is admitted the court should remember the dangers of relying on such evidence, that (if the defendant was denied the advantage of participating in an identification procedure) the defendant has been disadvantaged by not participating in an identification procedure and that an identification witness may assume that the person in the dock is the person who committed the offence.*[54]

F'diversi sentenzi il-Qrati Maltin rritenew li meta l-Qorti tiġi biex tgħarbel dik l-evidenza marbuta mal-identifikazzjoni tal-awtur ta' reat, dan għandu jsir b'kawtela u ċirkospezzjoni. Il-Qrati Maltin b'mod konsistenti segwew bħala linji gwida r-regoli stipulati mill-Qorti tal-Appell Ingliża fil-każ R vs. Turnbull[55].

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the*

[54] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2018, pg654
[55] Court of Appeal 1997 – QB244

*prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence. Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*

Finalment, b'referenza għall-artikolu 648 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet *il-Pulizija vs. Stephen Zammit* mgħotija fis-16 ta' Lulju 1998 spjegat is-segwenti:

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir lidentifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil- gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l- identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum 24 inkluzi fil-Code of Practice D taht il- Police and Criminal Evidence Act, 1984.*

*S'intendi dawn ir- regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni…*

*…*

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l- identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eyewitness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif ifisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:*

*'I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to 25 weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human*

*failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition' ...*"

Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza l-istess fid-dawl tal-fatti mertu tal-akkuża odjerna bil-għan li tiddetermina jekk l-identifikazzjoni fl-Awla tal-imputata Azzopardi hijiex waħda tenibbli jew xort'oħra. Mix-xhieda ta' Attard jirriżulta ċar li huwa ra liż-żewġ persuni identifikati darba waħda biss – u ċioe' meta marru jixtru mingħandu. Madankollu rahom fid-dawl, mill-viċin u fuq perjodu ta' ħin fejn saħansitra kellimhom. Fix-xhieda tiegħu huwa spjega fid-dettal il-konversazzjoni li kellu magħhom u mhux talli indika kemm lil Azzopardi kif ukoll lil Bonello iżda kien f'posizzjoni li jixhed bid-dettal min minnhom għamel xiex bħal perezempju min minnhom qal ċertu diskors. B'hekk l-identifikazzjoni magħmula minn Attard, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija waħda tenibbli.

Maria Debono fix-xhieda tagħha ma għarfitx lill-qua imputata Azzopardi iżda għarfet lil Bonello bħala dik il-persuna li ratu jagħlaq il-kexxun tal-*cash* u wara osservatu jipprova jaħbi l-flus bil-*wallet*. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-identifikazzjoni ta' Debono hija waħda tennibli għax hi osservat lil Bonello jagħmel diversi azzjonijiet fuq diversi minuti fid-dawl tax-xemx. In oltre hija ma qabditx u għarfet liż-żewġ imputati bl-addoċċ iżda

għarfet lil wieħed minnhom u mhux biss għarfitu iżda spjegat ukoll x'ratu jagħmel. B'hekk din il-Qorti għal darb'oħra issib din l-identifikazzjoni bħala waħda tenibbli.

Stabbilit dan dwar il-kwistjoni tal-identifikazzjoni din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-mertu tat-tieni imputazzjoni. Fix-xhieda tiegħu Attard spjega bil-ġurament li Azzopardi u Bonello marru jixtru mingħandu t-tnejn flimkien mhux separatament. Għaldaqstant huma kienu flimkien. Għalkemm bdew iduru mal-van tal-ħaxix ma xtraw xejn mingħandu – la Azzopardi u lanqas Bonello. Sussegwentament Bonello qaltlu li kienu mgħaġġlin u li ser ikollhom jitilqu iżda kienu ħa jmorru wara l-ħanut tiegħu. Attard jispjega li t-telqu minn fuq il-post flimkien. Dan ifisser li kemm Bonello kif ukoll Azzopardi kienu flimkien u għaldaqstant jirriżulta l-element tal-*common design* bejniethom dwar dak li kienu qed jagħmlu. Fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li ma ra lil ħadd minnhom jisirqu għax mar fil-kabina iżda jispjega li kif ġew huma kienet għada kif ħallsitu Maria Debono u daħlet f'darha. Hawnhekk ma jgħidx li sab xi flus neqsin. Jispjega ukoll li wara li telqu Azzopardi u Bonello marret tħallsu klijenta oħra u hemmhekk induna bil-flus neqsin. B'hekk jirriżulta li l-flus sfaw nieqsa mill-kexxun tal-*cash* waqt li kien hemm maġenb il-van Bonello u Azzopardi. Min-naħa tagħha, hekk kif ġia ngħad, Debono ddikjarat li għarfet Bonello bħala dik il-persuna li ratu jagħlaq il-kexxun tal-*cash* u wara osservatu jipprova jaħbi l-flus bil-*wallet.* Debono kienet ċara li ma ratx lil Bonello effettivament jieħu l-flus. Madanakollu indubbjament Bonello ma kellux għalfejn la jiftaħ u lanqas jagħlaq il-kexxun tal-*cash*. Għaldaqstant dan jindika b'mod ċar li kien Bonello li ħa l-flus mill-kexxun tal-*cash* minn fuq il-van.

Illi l-fatt li mill-provi mressqa jirriżulta li kien Bonello li effettivament fetaħ il-kexxun u ħa l-flus kontanti mill-istess ma jeżonerax lil Azzopardi u dan hekk kif tat l-impressjoni d-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha.

F'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mgħotija nhar il-31 t'Ottubru 2018 fl-ismijiet: Ir-*Repubblika ta' Malta vs. Richard Grech* filwaqt li għamlet referenza għas-sentenzi fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Carmelo Agius et*[56]*; Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter*[57]*; u l-Pulizija vs. Joseph Scicluna*[58] ddikjarat is-segwenti dwar il-figura tal-'ko-awtur':

> *"47. Illi sabiex l-appellant jista' jinstab hati bhala ko-awtur f'dawn iddelitti jrid jirrizulta sodisfacjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien hemm ilpartecipazzjoni materjali tieghu ma' l-ezekutur jew ezekuturi dirett/i tal-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, izda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni ghall-fini li jigi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu lhajja. Kwindi jrid jigi ppruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id- delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt."*
>
> *48. Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan lelement wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "common design" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghallfigura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-koawtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni taddelitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat ghal fatti specje ta' dan il-kaz illi :*

[56] Appell Kriminali deċiż fl-24 ta' Mejju 2002
[57] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru 2004
[58] Appell Kriminali Inferjuri, deċiż mill-Imħallef Dr. W. Harding fil-25 t'Ottubru 1958

> *"Jekk hemm il-hsieb bejn zewg persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-iehor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qieghed hemm jiehu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-koawtur.*
> *Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat."*

*Mhux biss izda:*

> *'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghallesekuzzjoni tad-delitt.'"*

F'kull ħin Azzopardi kienet osservata preżenti fuq ix-xena tad-delitt flimkien ma' Bonello sabiex b'mod dirett tassisti fl-esekuzzjoni tad-delitt li kien pre-ordinat. Fil-fatt Attard jispjega li Bonello u Azzopardi ġew flimkien u telqu flimkien. Il-bon sens jiddetta li jekk vera kienu mgħaġġlin ma kienux jiefqu jduru mal-van mil-ewwel mhux jibdew jaraw il-prodotti taħt il-pretiża li għandhom l-intendiment li jixtru u imbagħad jitilqu b'ħeffa minn hemm wara li jgħidu lis-sid li huma mgħaġlin. Dan juri li l-esekuzzjoni tas-serqa kienet pre-ordinata bejniethom tant li kien jeżisti l-*common design* li jisirqu il-flus minn dan il-van. Għal dan l-iskop, huma t-tnejn flimkien waqqfu ħdejn il-van in kwistjoni u taħt il-pretensjoni li ser 'jixtru' minn dan il-van, bdew iduru l-istess van u hekk kif appenna s-sid tal-istess van dawwar l-attenzjoni tiegħu lil hinn mill-van waħda minnhom fetħet il-kexxun tal-*cash* u serqet. Wara t-tnejn li huma telqu f'daqqa minn fuq il-post mingħajr ma xtraw xi ħaġa. F'dan l-inkwadru ta' fatti Azzopardi ma tista' qatt tiġi eżonerata għaliex ma kinitx hija li fettħet il-kexxun u effettivament ħadet il-flus ġaladarba hija kienet taf bejn tajjeb li waqqfu mal-van bl-iskop li

jisirqu u hija kienet preżenti fuq il-post ma Bonello lesta li tassisti b'kull mod possibli għall-istess serqa.

In kwantu għall-kwalifika tax-xorta tal-ħaġa misruqa, mill-provi mressqa jirriżulta li serq sar minn fuq kexxun tal-*cash* li kien fuq van tal-ħaxix li dak il-ħin kien ipparkjat fi Triq it-Tlettax ta' Diċembru ġewwa n-Nadur, Għawdex[59]. B'hekk jirriżulta pruvat sal-grad rikjest mil-liġi li s-serq sar minn vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura.

Konsegwentament it-tieni imputazzjoni fil-konfront t'Azzopardi ġiet sodisfaċentament ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

3. **Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, Jasmine Azzopardi ġiet akkużata talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 bejn 11.15 ta' filgħodu u 11.30 ta' filgħodu waqt li kienet qegħda fi Triq Kerċem, Rabat, Għawdex, minn ġewwa l-istabbiliment 'Mizzi Hardware', ikkommetiet serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Eur.232.94) iżda mhux l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Eur. 2,329.37) għad-dannu ta' George Mizzi, liema serq huwa kwalifikat bil-valur.**

A skans ta' ripetizzoni jingħad immedjatament li l-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti b'referenza għall-identifikazzjoni tal-imputata kif ukoll dwar il-figura tal-ko-awtur huma applikabbli ukoll b'referenza għal din l-imputazzjoni.

[59] Ara x-xhieda ta' Victor Attard u Maria Debono.

Sid il-ħanut *Mizzi Hardware,* George Mizzi, xehed dwar iċ-ċirkostanzi ta' din is-serqa. Huwa spjega li waqt li huwa kien fil-ħanut tiegħu fil-31 ta' Awwissu għall-ħabta 11.15am ta' filgħodu daħlu żewġ persuni fejn waħda minnhom talbitu *duct tape* u hu tahulha. Jispjega li kien hemm persuna oħra ftit 'il bogħod li talbitu *attic fan*. Huwa mar iġibu minn ġo kamra oħra u marret miegħu sabiex tarah l-ewwel persuna li kienet talbitu għad-*duct tape*. Lill-persuna li talbitu għad-duct tape u marret miegħu sabiex tara l-*attic fan* huwa baqgħa ma identifikahiex fl-awla, iżda identifika fl-awla li Jasmine Azzoopardi bħala dik il-persuna li talbitu l-*attic fan* u li baqgħet fil-ħanut sakemm huwa mar iġib l-attic fan minn kamra oħra. George Mizzi, ġie mistoqsi ukoll id-deskrizzjoni li huwa ta lill-pulizija, meta għamel ir-rapport, taż-żewġ persuni li skond hu kienu serquh. Mizzi wieġeb "*Kienu lebsin iswed u la naf nisa u lanqas irġiel għax kellna dak l-argument. Għax qalli x'ser innizzilhom, irġiel? Għidtlu issa jew irġiel nisa jew nisa rġiel, ma nafx ngħidilhom. M'għandix kelma għalihom.*"

Tenut kont dawn il-fatti u l-ġurisprudenza rigward l-identifikazzjoni msemmija b'referenza għat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li tista' tistrieħ fuq l-identifikazzjoni ta' Mizzi fl-awla b'referenza għall-imputata Jasmine Azzopardi. Dan il-għaliex id-dehra ta' l-imputata fiż-żmien meta Mizzi ta d-deposizzjoni tiegħu kienet kompatibbli ma dak li l-istess Mizzi stqarr mal-pulizija meta għamel ir-rapport tiegħu. In oltre huwa ra lill-imputata mill-viċin, għal diversi minuti u saħansitra tkellem magħha. L-identifikazzjoni fl-awla kienet waħda immedjata u kjarament mhux affettwata mill-fatt li hija setgħet kienet bilqiegħda fejn normalment ikun hemm l-imputati għax fil-fatt lil Bonello (li dak iż-żmien kienet ko-imputata) ma għarafiex.

Stabilita’ l-identifikazzjoni tal-imputata, din il-Qorti ser tanalizza r-reita’ tal-istess imputata b’referenza għall-imputazzjoni ta’ serq aggravata bil-valur. Hekk kif sottomess mid-difiża mill-atti proċesswali ma tirriżultax prova diretta li Azzopardi serqet il-flus mill-*cash register*. Fil-fatt Mizzi fix-xhieda tiegħu kien kategoriku u stqarr immedjatament li huwa fl-ebda ħin ma ra lil Azzopardi tisraq xi flus mill-*cash*. Madanakollu provi jistgħu jkunu ukoll indiretti jew aħjar indizzjarji.

Dwar il-prova indizzjarja, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fil-5 ta’ Lulju 2002 fl-ismijiet: ___Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Spiteri___ ddikjarat issegwenti:

> *“L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*
> *Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.”*

Fix-xhieda tiegħu Mizzi ma ddikjarax biss li huwa ma rax lil Azzopardi tisraq. Iżda spjega ukoll li huwa ħalla lill-istess Azzopardi waħedha warajh viċin il-*cash* sakemm mar juri l-*attic fan* ġo kamra oħra lill-persuna li kienet magħha. Jispjega li wara ftit tal-ħin Azzopardi kienet marret fejnhom u saqsietu jekk il-fan kienx bl-*istand* jew le. Huwa wieġeb li kellu *stand* fejn allura Azzopardi spjegatlu li ma kienux ħa jeħduh għax huma rieduh mingħajr *stand*. Hemm hekk telqu mill-ħanut.

Ezatt warajhom daħal klijent ieħor li talbu jagħmel kopja ta' ċavetta. X'ħin fetaħ il-*cash register* sabiex itih il-bqija induna li għandu l-flus neqsin. Mill-istess xhieda jidher li dawn il-flus ġew neqsin fi ftit ħin meta kien hemm Azzopardi u l-persuna l-oħra biss fil-ħanut. Fil-fatt meta Azzopardi talbitu għad-*duct tape* u huwa tahulha f'dak il-ħin ma innota xejn nieqes mill-*cash register*. Għaldaqstant kollox jindika sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li kienet Azzopardi li effettivament serqet Eur. 400 fi flus kontanti (imsemmija minn Mizzi bħala l-ammont ta' flus nieqsa) mill-*cash register* ta' ġewwa Mizzi Hardware Store. Fid-dawl tal-ammont misruq, fejn Mizzi, fix-xhieda tiegħu spjega l-karti tal-flus li serqet, l-aggravju tal-valur jirriżulta pruvat ukoll. Għaldaqstant Azzopardi ser tinsab ħatja ta' din l-imputazzjoni hekk kif dedotta.

4. **Illi permezz tar-raba' imputazzjoni Azzopardi ġiet akkużata talli nhar il-11 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-11.30 ta' filgħodu waqt kienet qiegħda fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, minn ġewwa l-istabilliment 'JA Vella Households', ikkommettiet serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Eur. 232.94) għad-dannu ta' Claire Vella.**

In sostenn ta' din l-imputazzjoni, l-prosekuzzjoni pproduċiet bħala xhud lil Claire Vella li min-naħa tagħha spejgat li hija għandha ħanut bl-isem ta' JA Vella li jinsab fi Triq San Pawl ġewwa l-Belt Valletta. Hija spjegat kif Azzopardi u Bonello, li hija identifikat it-tnejn fl-awla, daħlu fil-ħanut u talbuha kaxxa tal-ħobż li kienet tinsab fuq l-aħħar xkaffa u għaldaqstant hija kellha bzonn is-sellum biex tilħaqha. Hekk kif hija kienet niżla mis-sellum rat lil Bonello ħiereġ minn fejn kien hemm il-*cash register*.

B'hekk hija mil-ewwel marret tiċċekja l-cash fejn sabet Eur. 60 neqsin. Hekk kif huma ħarġu mill-ħanut ċemplet mal-ewwel lill-pulizija. PS 549 Rueben Pace u PC610 Mark Anthony Spiteri spjegaw fix-xhieda tagħhom li meta Vella għamlet rapport dwar is-serqa hija kienet iddeskriviet lill-ħallellin. Hija kienet spjegatilhom li kienu żewġt irġiel lebsin ta' nisa u li kienu lebsin l-iswed. Fil-fatt il-pulizija bdew immedjatament iffitxu żewġ persuni b'din id-deskrizzjoni. B'hekk id-deskrizzjoni li tat Vella lill-pulizija skond ix-xhieda tal-pulizija stess kienet, dak iż-żmien, taqbel mad-deskrizzjoni ta' Bonello u Azzopardi. In oltre Vella għarfet lill-imputati fl-awla u kienet anke f'posizzjoni li tiddistingwi bejniethom tant li anke indikat li kien Bonello li ratu ħiereġ minn ħdejn il-*cash register*. Għaldaqstant din il-Qorti ma għandha l-ebda dubbju dwar l-identifikazzjoni ta' Azzopardi u Bonello b'referenza għal din l-imputazzjoni. Fil-fatt l-uffiċjali tal-pulizija jixhdu li a bażi tal-informazzjoni li tathom Vella huma immedjatament għamlu ronda ġewwa l-Belt fejn sabu flimkien lil Azzopardi u lil Bonello li għalkemm ma kienux ammettew mal-pulizija li serqu dawk il-flus (għax qalu li kienu sabuhom mal-art) huma taw lura is-Eur. 60 lil Vella.

In kwantu għas-serqa, din il-Qorti ma għandhiex għalxiex tiddubita mill-verzjoni li ngħatat minn Vella. Vella xehdet li ghalkemm kien hemm xi persuni oħra fil-ħanut hija kienet rat lil Bonello ħiereġ minn ħdejn il-*cash register*. F'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota li huwa ma kellux għalfejn jidħol hemm ħlief biex jieħu l-flus. Fil-fatt immedjatament wara Vella ikkonfermat li kellha l-flus neqsin. Huwa minnu li Vella ma ratx lil Azzopardi tisraq madanakollu Vella tgħid li kienu flimkien u meta qabduhom il-pulizija t-tnejn tawha l-flus għaliex is-sittin ewro kienu qasmuha bejniethom. B'hekk, dak li ngħad iktar qabel f'din is-sentenza dwar il-figura tal-ko-awtur huwa applikabbli ukoll għal din l-

imputazzjoni. Azzopardi kienet preżenti fuq il-post u ċioe fuq ix-xena tad-delitt sabiex tassisti b'mod dirett lil Bonello fl-esekuzzjoni tad-delitt li kien pre-ordinat. Kien propju ħabba f'hekk li talbuha ġġib oġġett mill-ogħla xkaffa fil-ħanut. In oltre, wara, huma telqu flimkien u qassmu l-flus li serqu. B'hekk Azzopardi ser tinsab ħatja ta' din l-imputazzjoni ukoll.

5. **Illi permezz tal-ħames imputazzjoni, Azzopardi ġiet akkużata li fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi kissret l-Ordni ta' Probation mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella fil-11 ta' Ġunju 2015.**

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-ispettur Bernard Spiteri ppreżenta sentenza immarkata bħala Dok. BCS[60], liema sentenza għandha d-dettalji tal-qua imputata Jasmine Azzopardi (gia Jason John Azzopardi). Madanakollu din il-Qorti hija sprovista mill-prova li din is-sentenza hija *res judicata*. Għaldaqstant Azzopardi ma tistgħax tinsab ħatja ta' din l-imputazzjoni.

6. **Illi permezz tas-sitt imputazzjoni Azzopardi ġiet akkużata talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 u fil-ġimgħat ta' qabel, fi Gżejjer Maltin, xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentment b'kull mod li jkun, ndaħħlet biex tbiegħhom jew tmexxiehom.**

Illi b'referenza għal din l-imputazzjoni, fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2016, l-uffiċjal prosekutur iddikjara li din l-imputazzjoni hija alternativa għall-imputazzjonijiet l-oħrajn. Illi fil-fatt is-subartikolu 476(2) tal-Kodiċi

[60] Fol. 159 tal-proċess.

Kriminali jikkontemplata sitwazzjoni fejn persuna akkużata b'serq (ikkwalifikat jew xort'oħra) tinsab ħatja ta' riċettazzjoni minflokk tas-serq. L-istess artikolu jiprospetta ukoll sitwazzjni bl-invers. B'hekk, ir-reati ta' serq u riċettazzjoni jistgħu jissejħu li huma reati alternattivi. Konsegwentament din il-Qorti, fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-uffiċjal prosekutur hawn fuq imsemmija u anke fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula b'referenza għall-imputazzjonijiet rigwardanti r-reati ta' serq ser tkun qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni[61].

7. **Illi permezz tas-sebgħa imputazzjoni Azzopardi ġiet akkużata talli wettqet reat fil-perjodu ta' sentenza sospiża mgħotija nhar is-16 t'April 2015[62] mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli.** Illi in sosenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni ppreżentat sentenza li ġiet immarkata bħala Dok BSC1[63]. Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova li din is-sentenza għaddiet in ġudikat. Konsegwentament din il-Qorti, hekk kif għamlet fil-ħames imputazzjoni ser tgħaddi sabiex tillibera lil Azzopardi minn din l-imputazzjoni.

8. **Fl-aħħar net Azzopardi ġiet akkużata bl-addebitu tar-reċidiva.** Simili għall-imputazzjonijiet numru ħamsa u sebgħa, din il-Qorti hija sprovista mill-prova ta' sentenzi li huma *res judicata*. Konsegwenzjalment din il-Qorti hija sprovista ukoll mill-prova ta' meta l-piena inflitta ġiet ezegwieta. Għal kull bon fini jingħad ukoll li fis-sentenzi esebiti l-imputata tpoġġiet taħt ordni ta' probation u għaldaqstant ma jistgħax jingħad li ġiet 'ġiet ikkundanata' fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi

[61] "...it-tieni impuutazzjoni, li korrettement, l-ewwel qorti astjeniet milli tippronunzja ruħha dwarha peress li din l-imputazzjoni kienet "alternattiva" għall-ewwel waħda..." – Qorti tal-Appell Kriminali (hekk kif preseduta mill Prim'Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano) fl-ismijiet P vs. Diego Grixti et, mgħotija fl-1 ta' Diċembru 2008.
[62] Ara l-emenda fl-akkuża li saret fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2016. L-akkużi kif korretti ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament mill-uffiċjal prosekutur, Fol. 268 tal-proċess.
[63] Fol. 161 tal-proċess.

Kriminali. B'hekk l-imputata mhux ser tinstab ħatja ta' dan l-addebitu tar-reċidiva.

Stabbilit dan dwar ir-reita' tal-imputata b'referenza għall-imputazzjonijijet dedotti kontrieha, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar il-piena:-

- **In-natura u ċ-ċirkostanzi tar-reati li tagħhom Azzopardi ser tinsab ħatja.** Permezz tal-proċeduri odjerni Azzopardi ser tinstab ħatja ta' tlett imputazzjonijiet ta' serq. Il-valur tar-*res furtiva* ta' dan is-serq kien fl-ammonti ta' Eur. 18, Eur. 400 u Eur. 60 rispettivament. Irid jingħad ukoll li in konnessjoni mas-serqa mertu tar-raba' imputazzjoni l-Eur. 60 ġew irritornati fl-intier tagħhom lill-vittma. Jingħad ukoll li għalkemm is-serq ma kienx mill-iktar gravi, fil-fatt anke l-ammonti ma kienux daqstant ezorbitanti, kien hemm diversi serq li ġew kommessi billi Azzopardi, flimkien ma persuna oħra, ppruvat tqarraq bis-sidien tal-ħwienet li serqet, billi b'xi mod jew ieħor neħħitilhom l-attenzjoni minn fuq il-*cash register*. B'referenza għall-istess imputazzjonijiet ta' s-serq li tagħhom Azzopardi ser tinsab ħatja, din il-Qorti, ai fini ta' piena ser tapplika l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali stante li mill-provi mressqa jirriżulta li s-serq mid-diversi ħwienet sar fi żminijiet differenti u, xi ftit jew wisq, bl-istess modus operandi.
- Il-fedina penali t'Azzopardi li tindika li Azzopardi kellha diversi kundanni relatati ma droga u serq;
- Id-dipendenza tal-imputata fuq sustanzi illeċiti u l-fatt li dan il-vizzju kien fattur kontributur għar-reati li tagħhom ser tinstab ħatja permezz ta' din is-sentenza. Dwar il-vizzju tad-droga xehed Dr. Joseph Tonna li kkonferma li Azzopardi kellha problema ta droga għal diversi snin. Fil-fatt l-ewwel kuntatt mas-Sedqa jirrisali għas-sena 1996. Xehed ukoll Dr.

Moses Camilleri li spjega li ilu jsegwi lil Azzopardi għal madwar għoxrin sena. Spjega li l-problema prinċipali tagħha kienet id-dipendenza fuq is-sustanza eroina. Spjega li Azzopardi kienet ukoll tmur għal-mediċina methadone ġewwa d-Detox Centre. Spjega ukoll kif id-dipendenza fuq id-droga eroina kienet qed twassalha għal ħajja kaotika.

- Il-fatt li din l-Qorti, fil-proċeduri odjerni assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[64] u l-imputata temmet b'suċċess il-pjan ta' kura imfassla għaliha mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni Nqabdu bid-Droga[65];
- Ħadet kont ukoll tas-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-qua imputata, Dok. MFS[66] minn fejn jirriżulta li riċentament Azzopardi impenjat ruħha bis-sħiħ sabiex tegħleb il-vizzju tad-droga tant li daħlet fi programm residenzjali. Il-probation officer jispjega li Azzzopardi qed iżomm kuntatt regolari miegħu u li ħalliet diversi kampjuni tal-urina li rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Qieset ukoll l-aħħar rapport tal-Caritas li kkonferma li Azzopardi qed iżomm kuntatt kontinwu magħhom, għandha impjieg fis u li qed tgħix ma missierha fejn anke qed tkun t'għajnuna għalih.

Stabbiliti dawn il-fatti jrid jingħad li għalkemm in-natura tal-akkużi u l-fedina penali tal-imputata huma indikativi ta' piena ta' priġunerija, hemm numru ta' fatturi oħra li din il-Qorti ma tistax tinjora. F'dan ir-rigward jingħad li minn tal-inqas fuq livell ta' probabilita jidher li serq li tiegħu Azzopardi ser tinsab ħatja kien konsegwenza tal-vizzju tagħha fuq id-droga eroina u ġaladarba l-istess Azzopardi għarfet tieħu dik l-għajnuna neċessarja sabiex tibda ħajja 'l bogħod mill-vizzju tad-droga tant li llum irnexxielha tikseb livell ta' stabilita' f'ħajjitha din il-Qorti hija tal-fehma li għandha

[64] Fol. 334 tal-atti proċesswali
[65] Fol. 424 tal-proċess.
[66] Fol. 395 tal-proċess

tingħata piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva u dan bil-għan li tkompli tibni fuq il-passi pozittivi li rnexxielha tikseb f'dawn l-aħħar snin.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qegħda fl-ewwel lok tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni ġaladarba din ġiet iddikjarata mill-Prosekuzzjoni bħala alternattiva għar-reati l-oħrajn u wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi, senjatament l-artikoli 18, 31, 261(ċ) u (g); 267; 271(g); 279(a); 281(a); 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-qua imputata Jasmine Azzopardi, mhux ħatja tal-addebitu tar-reċidiva kif ukoll mhux ħajta tal-ewwel, tal-ħames u tas-sebgħa imputazzjoni miġjuba kontrieha bil-konsegwenza li qed tilliberaha minn dawn l-imputazzjonijiet, filwaqt illi qed issib lill-istess imputata Jasmine Azzopardi ħatja tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant qed tikkundanaha għal perjodu ta' tnax-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhiex tibda sseħħ sakemm il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sentejn millum.

Finalment, a tenur tal-artkolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti qed tispjega lill-ħatja bi ċar ir-responsabbilita' tagħha taht l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

---

**Maġistrat Dr. Elaine Rizzo**

---

Christine Farrugia

**Deputat Reġistratur**